**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 481/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
**Abrham Hinstab**
***Omissis***

Illum is-sebgħa (7) ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra *Omissis*, *Omissis*, *Omissis*, *Omissis*, *Omissis*, l-appellant **Abrham Hinstab** (detentur tan-Numru tal-Pulizija 20N-051), *Omissis* akkużati talli nhar it-18 ta' Settembru 2020 bejn is-sagħtejn nieqes kwart ta' filgħodu

(01:45hrs) u s-sagħtejn u nofs ta' filgħodu (02:30hrs) ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi, Safi Barracks, Safi:

1. volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor li tikkonsisti fi twieqi u struttura ta' bini, liema ħsara tammonta għal aktar minn 2,500 Euro (€5,500) [sic!] għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur ta' Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxar minn nies jew aktar, miġburin, bil-ħsieb li jagħmlu reat għalkemm din il-ġemgħa ma kinitx ġiet imxewxa minn xi ħadd partikolari u aktar talli din il-ġemgħa ta' nies kellha l-ħsieb li tagħmel il-fatt li sar u dan bi ksur ta' Artikoli 68(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħħlu fi dmirhom, jew billi ġabu fix-xejn jew ħassru dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqa' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet u paċi tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. irrendew ruħhom kompliċi billi b'xi mod li jkun, xjentement għenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi f'li jkebbsu bin-nar saqqu li kien ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi u dan bi ksur ta' Artikolu 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. ikkommettew ħarba sempliċi miċ-ċentru sa [sic] detenzjoni ta' Safi Barracks waqt li kienu taħt il-kustodja ta' persuni nkarigati miż-żamma tagħhom u dan bi ksur ta' Artikoli 151, 160 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

*Omissis* u *Omissis* biss ġew akkużati wkoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi, Safi Barracks, Safi:

7. mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja tal-uffiċjali tal-Pulizija f'periklu ċar, ikkaġunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-uffiċjali tal-Pulizija PS 1010 Andrea Zahra u PC 1514 Daniel Debattista, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. fl-istess jum, lok u ċirkostanzi, ikkaġunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-uffiċjali tal-Pulizija PS 1010 Andrea Zahra u PC 1514 Daniel Debattista u dan bi ksur ta' Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-hajja tal-uffiċjali tal-Pulizija f'periklu ċar, ikkaġunaw ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-uffiċjali tal-Pulizija PC 1508 Brian Farrugia u PC 877 Glen Peter Vella, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. fl-istess jum, lok u ċirkostanzi, ikkaġunaw feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-uffiċjal tal-Pulizija PC 1508 Brian Farrugia u uffiċjal tal-Pulizija PC 877 Glen Peter Vella, bi ksur ta' Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Diċembru 2021, fejn il-Qorti:

- wara li rat Artikoli 68(2), 68(3), 96(a), 151, 160, 216(1)(d), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Awwissu 2021, sabet lill-imputat *Omissis* ħati tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli msemmija biss u, filwaqt li ma sabitux ħati tar-reat kontemplat f'Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tar-reat kompriż u nvolut kontemplat f'Artikolu 325(1)(b) tal-istess Kapitolu u, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikkundannatu piena ta' tletin (30) xahar priġunerija;

- sabet lil *Omissis* mhux ħati tar-rimanenti reati kontemplati fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju u lliberatu minnhom;

- wara li rat Artikoli 68(2), 68(3), 96(a), 151, 160, 221(1), 338(dd), u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Awwissu 2021, sabet lill-imputat *Omissis* ħati tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli msemmija biss u, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikkundannatu piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija u multa ta' erbat elef Euro (€4,000) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħmistax-il Euro (€115) bl-ewwel pagament kellu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja li ġiet erogata bis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u għal dan il-fini r-Reġistratur kellu jivverifika ma' l-awtoritajiet karċerarji din id-data b'dan illi jekk il-ħati kien ser jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' stabbilita skont il-liġi;

- sabet lill-imputat *Omissis* mhux ħati tar-rimanenti reati kontemplati fin-Nota ta' Rinviju għal Ġudizzju u lliberatu minnhom;

- wara li rat Artikoli 68(2), 68(3), 151, 160, 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Awwissu 2021, sabet lill-imputati *Omissis, Omissis u* Abrham Hinstab ħatja tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli msemmija biss u, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikkundannathom piena ta' tnax (12)-il xahar priġunerija li minnhom kellu jitnaqqas kull żmien li l-imputati għamlu taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri;

- sabet lill-imputati *Omissis*, *Omissis* u Abrham Hinstab mhux ħatja tar-rimanenti reati kontemplati fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju u lliberathom minnhom;

- ordnat lil ħati *Omissis* iħallas individwalment u separatament parti minn seba' u għoxrin parti (1/27th.) tal-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u nofs l-ispejjeż tal-espert mediku maħtur minnha b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2020, iżda esklużi l-ispejjeż tal-esperti tal-ballistika, skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjeż kellhom jitħallsu immedjatament meta jiġi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-ħati kien ser jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata stabbilita skont il-liġi;

- ordnat lil kull wieħed mill-erba' ħatja l-oħra jħallas individwalment u separatament parti minn seba' u għoxrin parti (1/27th.) tal-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, esklużi l-ispejjeż tal-esperti mediċi u tal-ballistika, skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjeż kellhom jitħallsu immedjatament meta jiġi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-ħati kien ser jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata stabbilita skont il-liġi.

Rat ir-Rikors tal-appellant *Omissis* u Abrham Hinstab ippreżentat fil-31 ta' Diċembru 2021 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonferma jekk tħoss li jkun il-każ, il-partijiet fejn sabet lill-appellanti ħatja ta' xi akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom u dan anke fir-rigward tal-ispejjeż tal-esperti, tvarja l-piena inflitta billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għal fatti tal-każ u ċirkostanzi partikolari tal-appellanti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant Abrham Hinstab eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2023, din il-Qorti laqgħet talba tal-Avukat Ġenerali sabiex ikun hemm separazzjoni tal-ġudizzju bejn iż-żewġ appellanti, liema talba ġiet milqugħa minħabba r-raġuni msemmija fil-verbal tas-seduta msemmija.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-każ jirrigwarda diversi inċidenti li seħħew fis-siegħat bikrin tat-18 ta' Settembru 2020 fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ġewwa Safi Barracks f'Ħal Safi. Jirriżulta li numru ta' detenuti ffurmaw toqba fil-ħajt ta' wieħed mid-dormitorji fejn kienu detenuti u mbuttaw il-barra parti mill-ħajt taħt tieqa u bdew jaħarbu miċ-ċentru msemmi. Jirriżulta wkoll li diversi uffiċjali stazzjonati fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni flimkien ma' Pulizija tar-*Rapid Intervention Unit* intervjenew biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Jidher li kien hemm xeni ta' gwerrilja fejn id-detenuti saħansitra qabbdu xi saqqijiet u kellhom vireg tal-ħadid u bdew iwaddbu l-ġebel. L-uffiċjali tad-detenzjoni u l-Pulizija kellhom isejħu għar-rinforzi kif ukoll libsu ilbies protettiv sabiex ma jweġġħux. Kellu wkoll isir

użu ta' *pepper spray* u ġew sparati *pellets* tal-lastku. Jidher li xi detenuti xorta rnexxielhom jaqbżu l-*fence* u ħarbu u jidher ukoll li b'konsegwenza tal-akkadut diversi Pulizija ġarrbu ġrieħi.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi filwaqt li din il-Qorti ser tirreferi għal dak li ngħad mill-appellant Abrham Hinstab u minn *Omissis* fir-Rikors tal-appell tagħhom, meta hija ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet dwarhom hija ser tagħmel riferenza biss għall-appellant Abrham Hinstab u dana peress li kien hemm separazzjoni tal-ġudizzju bejn iż-żewġ appellanti u l-appell fil-konfront ta' *Omissis* ġie mħolli *sine die*. Għaldaqstant jiġi ċċarat li din is-sentenza hija biss dwar l-appellant Abrham Hinstab.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dak li jidher li huwa l-ewwel aggravju l-appellanti Abrham Hinstab u *Omissis* jilmentaw li fid-data tal-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li huma bdew jew ħadu sehem attiv fl-allegata rewwixta. Jargumentaw li l-Prosekuzzjoni kellha l-aqwa prova, dik tas-*CCTV*, iżda bi skop naqset milli tippreżentahom. Jallegaw li dan kien marbut mal-fatt li l-Prosekuzzjoni ndunat li kienet għaġġlet u li kienet rabet it-taħrika mal-fatt li huma jew wieħed minnhom kien ilmenta ma' xi uffiċjal u qal li ma kienx kuntent li kien qed jinżamm detenut. L-appellanti jilmentaw ukoll li huma ġew ndikati minn terz li jqassam l-ikel. *Omissis* jilmenta li huwa saċerdot fil-komunita' tagħhom u li jeżistu ċertu preġudizzji bejniethom.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tfakkar fir-rwol tagħha li hija ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk mill-provi mressqa jirriżulta li l-Qorti msemmija setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Degabriele** (Numru 430/13) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "6. L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti."

Illi l-appellant Hinstab huwa identifikat bin-numru tal-Pulizija 20N-051. Din il-Qorti qrat bir-reqqa x-xiehda mogħtija mir-rappreżentati tal-forzi tal-ordni li ħadu sehem fl-akkadut u mix-xiehda mogħtija jirriżultalha li l-appellant Hinstab kellu sehem attiv fir-rivolta. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-segwenti:

- Dwar l-appellant Hinstab, l-*Officer in Charge* Darren Fenech jgħid hekk (Vol. I: *a fol.* 58): *"L-istess ħaġa, tela' mal-fence u qabeż għal barra. Weħel mal-fence u waqa' l-aħħar naqra u telaq, izappap telaq."*

- Is-*security* Martin Bonnici xehed li l-appellant Hinstab ipprova jaħrab. Mistoqsi jgħid x'rah jagħmel, Bonnici wieġeb hekk (Vol. I: *a fol.* 77): *"Dak ġie immanettjat għax ipprova jaħrab. [...] Rajtu ħiereġ u mbagħad rajtu jagħmlulu l-manetti u daħal 'il ġewwa reġa."* Aktar tard meta l-Ewwel Qorti rrimarkat li Hinstab ma ħarabx pero' ipprova jaħrab, Bonnici qal (Vol. I: *a fol.* 78): *"Ħarab, għax meta toħroġ minn got-toqba ħrabt"*.

Illi din il-Qorti kkunsidrat ukoll xi diskrepanzi bejn dak li xehdu aktar uħud minn dawn ix-xhieda iżda tqies plawsibbli li dawn id-diskrepanzi setgħu kienu riżultat tat-trapass taż-żmien.

Illi dwar dak imsemmi mill-appellant fir-rigward tal-filmat li hu jgħid ma ġiex eżebit fl-atti proċesswali, din il-Qorti tinnota li l-appellant jargumenta, anke fis-sottomissjonijiet magħmula

quddiem din il-Qorti, li l-Prosekuzzjoni kellha l-aqwa prova li hija dik tal-filmat mis-*CCTV* iżda li skont hu bi skop naqset milli tippreżentah. Din il-Qorti tibda billi tinnota li dan l-hekk imsejjaħ "skop" huwa biss allegazzjoni u xejn aktar. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid ukoll li fir-rapport (Dok. "AC 1" – Vol. II: *a fol.* 237 *et seq.*) mhejji mill-Espert Tekniku Alvin Cardona hemm *stills* tal-filmat u hemm imniżżel dak li qed jidher fl-i*stills*. Huwa minnu li minn filmat wieħed jista' jara kontinwita' kif jgħid l-appellant, pero' huwa minnu wkoll li mill-i*stills* in kwistjoni u mid-deskrizzjoni li hemm wieħed jista' jifhem dak li ġara.

Illi din il-Qorti tinnota li minkejja li l-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tressaq l-aqwa prova hija fid-diskrezzjoni tagħha li tara jekk fil-fehma tagħha hija tkun ressqet provi sufficjenti u tiddeċiedi għandhiex għalfejn tkompli tressaq il-provi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numu 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' sufficjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat."

Illi kkunsidrati l-verżjonijiet msemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant Hinstab li ma tressqitx prova suffiċjenti sabiex tiġi ppruvata l-ħtija tiegħu. Lanqas huwa ta' fejda l-argument li huwa ġie identifikat minn terza persuna u din il-Qorti tgħid dan minħabba li l-appellant Hinstab ġie identifikati mir-rappreżentanti tal-forzi tal-ordni. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li kien hemm biżżejjed elementi sabiex l-Ewwel Qorti tasal għal konklużjoni li l-appellant Hinstab kellu rwol attiv fir-rewwixta. Għaldaqstant l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dak li jidher li huwa t-tieni aggravju l-appellant Abrham Hinstab u *Omissis* jilmentaw dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Huma jisħqu li l-Ewwel Qorti naqset milli toħloq bilanċ bejn l-element retributtiv u dak riformattiv. Huma jikkwotaw ġurisprudenza sabiex isaħħu l-argument imressaq minnhom u jispjegaw fid-dettal id-distinzjoni bejn l-elementi tal-piena. Jargumentaw li huma ma humiex kriminali u li huma fil-bżonn ta' għajnuna mill-Istat. Jgħidu li s-sentenza appellata ma għamlet l-ebda ġid lilhom li huma missirijiet u żgur ma ħaditx in konsiderazzjoni l-aspett riformattiv. Jilmentaw ukoll li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-fatt li huma kienu qed ifittxu eżilju politiku minħabba l-persekuzzjoni u dan kontra kull twemmin u konvenzjoni rigwardanti drittijiet umani tagħhom.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li hija ma tiddisturbax il-piena erogata fejn din il-piena ma tkunx eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Eric Zammit** (Numru 139/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il

> darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*."

Illi l-appellant Hinstab instab ħati ta' ksur ta' Artikoli 68(2), 68(3), 151, 160 u 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u huwa ġie kkundannat għal piena ta' tnax il-xahar priġunerija. Meħud in konsiderazzjoni ta' dak li l-appellant Hinstab instab ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti u tenut kont ukoll li l-ewwel aggravju tiegħu ġie miċħud, wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-piena stabbilita għal dak li l-appellant Hinstab instab ħati tiegħu, b'mod partikolari dak li jiddisponu Artikoli 68(3) u 151 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-piena li għandha tingħata, din il-Qorti tikkonkludi li ma hemm xejn xi jwassalha sabiex tqies il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta' Hinstab bħala *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive."* Dan qiegħed jingħad tenut kont li l-piena applikabbli għar-reat preskritt taħt Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta moqri ma' Artikolu 68(3) tal-Kapitolu msemmi togħla bi ġrad għall-massimu ta' tmintax il-xahar priġunerija. B'hekk, din il-Qorti ma tarax li hemm lok ta' temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta' Hinstab u għaldaqstant it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Abrham Hinstab u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |